MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 793/2012

**MPC Shipping Limited**

**Vs**

**LPG/T CTGM Tiger**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fis-7 ta' Awwissu 2012, l-attrici ppremettiet:-

1. Illi l-kumpannija rikorrenti toffri servizzi bħala aġent lil vapuri u bastimenti li jkunu deħlin Malta, u matul il-waqfa tagħhom f'Malta;
2. Illi fit-13 ta' Marzu 2012 il-kumpannija rikorrenti ġiet maħtura bħala aġent tat-tanker tal-gatt (LPG) intimat, li

kien dieħel f’Malta għal xi tiswijiet fil-*Palumbo Shipyard* (ara emails mehmuża ‘Dokument A’);

3. Illi t-tanker intimat daħal f’Malta fl-14 ta’ Marzu 2012, u sa minn dakinhar baqa' fl-ibħra Maltin, u llum jinsab sorġut fil-*Palumbo Shipyard* (‘Dokument B’);

4. Illi t-tanker intimat huwa proprjeta’ tal-kumpannija Taljana ‘Cryo Gas Med SRL’, u meta daħal Malta kien reġistrat il-Portugall (Madeira) (‘Dokument B’) iżda fil-preżent jinsab reġistrat taħt il-bandiera tal-Panama (‘Dokumenti C1 sa C3’);

5. Illi bejn l-14 ta’ Marzu 2012 u s-7 t'Awwissu 2012 il-kumpannija rikorrenti rendiet numru servizzi lit-tanker intimat, kif jirriżulta mir-rendikont mehmuż u mmarkat bħala ‘Dokument D’, u mis-serje ta' fatturi relattivi mehmuża u mmarkati bħala 'Dokumenti D1 sa D57', u mis-serje ta' fatturi ulterjuri mehmuża u mmarkati bħala 'Dokumenti E1 sa E4' li b'kollox jammontaw għal sitta u ħamsin elf u seba’ mija u tnejn u sittin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€ 56,762.75).

6. Illi minkejja l-fatt li jidher li d-debitu qiegħed jiġi rikonoxxut mir-rappreżentanti tat-tanker intimat, ma jidhirx li hemm prospett li l-kumpannija rikorrent titħallas, u dan minħabba nuqqas ta’ domanda għas-servizzi tal-istess tanker, kif joħroġ biċ-ċar mill-emails mehmuża (‘Dokumenti F1 u F2’);

7. Illi fit-18 ta' Lulju 2012, il-kumpannija rikorrenti talbet u ottjeniet il-ħruġ tal-mandat t'arrest bin-numru 1056/12 bil-għan li tassigura li t-tanker jibqa' f'Malta u b'hekk tkun f'pożizzjoni tipproċedi ‘*in rem*’ kontra l-istess tanker ('Dokument G');

8. Illi Pierre Balzan, Direttur tal-kumpannija rikorrenti jaf b’dawn il-fatti kollha personalment u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti hija mitluba sabiex:

(1) Tiddikjara li t-tanker intimat huwa debitur tal-kumpannija rikorrenti fis-somma ta' sitta u ħamsin elf u seba’ mija u tnejn u sittin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€ 56,762.75); u

(2) Tordna lit-tanker intimat iħallas lill-kumpannija rikorrenti s-somma ta' sitta u ħamsin elf u seba’ mija u

tnejn u sittin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€56,762.75).

Bl-imgħaxijiet legali b’effett mil-lum sad-data tal-ħlas effettiv. Bl-ispejjeż kollha ta’ din il-kawża, u inkluż l-ispejjeż tal-mandat t'arrest tat-18 ta' Lulju 2012 bin-numru 1056/12, kollox kontra t-tanker intimat li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

L-attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta’ sitta u hamsin elf sebgha mija u tnejn u sittin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€56,762.75) ghall-servizz li tat lill-bastiment konvenut.

Mill-atti jirrizulta li l-konvenut ma wegibx.

Mill-atti jirrizulta li l-kawza ma gietx kontestata minkejja li l-konvenut kien notifikat fl-20 ta’ Settembru 2012. Madankollu fis-seduta tal-lum deher l-avukat Larry Gauci li ddikjara li ghan-nom tal-konvenut qieghed jammetti t-talbiet. Hemm qbil li l-ezekuzzjoni ta’ din is-sentenza ssir biss tletin (30) gurnata wara llum u dan kellu jizdied fis-sentenza.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet tal-attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ sitta u hamsin elf sebgha mija u tnejn u sittin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€56,762.75) bl-imghax kif mitlub, b’dan li l-ezekuzzjoni tas-sentenza ssir wara tletin (30) gurnata mil-lum. Spejjez a karigu tal-konvenut**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------